# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 5**

**Rikors numru 101/18 RGM**

**Kingsley Wilcox**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Ir-rikorrent appella minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla li biha ma sabitx ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v. Kingsley Wilcox** deċiża mill-Qorti Kriminali fit-8 ta' April 2017.

2. B'rikors preżentat fl-4 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrent talab lill-ewwel Qorti sabiex:

> "*1. Tiddikjara li peress li l-proċess ġudizzjarju tar-rikorrenti kien kompromess sa mill-bidu, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fil-kawża fl-ismijiet Reppublika ta' Malta vs Kingsley Wilcox deċiża mill- Qorti Kriminali fit-8 ta 'April 2017;*
>
> *"2. Tiddikjara li d-drittijiet fundamentali skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġew preġudikati b'mod irrimedjabbli meta l-pulizija ħadu stqarrija mingħand ir-rikorrenti mingħajr il-preżenza ta' avukat;*
>
> *"3. Tiddikjara konsegwentament li ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq tar- rikorrent fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali skont l-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta l-pulizija ħadu stqarrija mingħand ir-rikorrenti mingħajr il-preżenza ta' avukat u konsegwentement l-istqarrija hija inammissibbli;*
>
> *"4. Tiddikjara li d-drittijiet fundamentali skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġew preġudikati b'mod irrimedjabbli meta l-pulizija kisbet u żgurat il-parteċipazzjoni tar-rikorrent fil-konsenja kkontrollata mingħajr ma l-applikant ikkonsulta mal-avukat tiegħu u peress li l-avukat tiegħu ma kienx preżenti matul in-negozjati mal-pulizija;*
>
> *"5. Tiddikjara konsegwentament li ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq tar- rikorrent fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali skont l-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni peress li l-pulizija kisbet il- parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-konsenja kkontrollata mingħajr ma l-applikant ikkonsulta mal-avukat tiegħu u mingħajr ma l-avukat tiegħu kien preżenti matul in-negozjati mal-pulizija u konsegwentement huma inammissibbli;*
>
> *"6. Tiddikjara li l-applikazzjoni fil-każ odjern tal-Artikolu 30B tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta m'huwiex kompatibbli mad-dritt għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;*
>
> *"7. Tiddikjara konsegwentament li ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq tar- rikorrent fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali skont Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba li l-applikazzjoni f'dan il-każ tal-Artikolu 30B tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta mhix kompatibbli mad-dritt għal smigħ xieraq;*
>
> *"8. Tiddikjara li l-konsenja kkontrollata kif imfassla, mwettqa u applikata f'dan il-każ hija ekwivalenti għal "entrappment" u konsegwentement tiddikjara li l-konsenja kkontrollata vvjolat id-*

*dritt tal-applikant skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;*

*"9. Tiddikjara li l-konsenja kkontrollata kif imfassla, mwettqa u applikata f'dan il-każ tmur kontra l-liġi, u għalhekk illegali u konsegwentement inammissibbli għaliex huwa manifestament evidenti li ġiet applikata d-dispożizzjoni ħażina tal-liġi;*

*"10. Tordna konsegwentament ir-restitutio in integrum u dan billi tannulla l- proċess kriminali konċernanti u s-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent fit-8 ta' April 2017;*

*"11. Bla preġudizzju u fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba numru għaxra (10) tordna li l-provi kollha inammissibbli li jistgħu jiġu ddikjarati minn din l-Onorabbli Qorti jiġu sfilzati mill-atti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;*

*"12. Tordna li l-proċeduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali jiġu sospiżi sakemm ikun hemm l-eżitu fil-kawża odjerna;*

*"13. Tagħmel dak li jidhrilha xieraq sabiex jitwettqu l-imsemmija Artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja u hekk tagħti kull rimedju jew direttivi opportuni.*

*"14. Fl-eventwalità li xi waħda mill-vjolazzjonijiet tiġi milqugħa biex tagħti kumpens lill-applikant għall-vjolazzjoni mġarrba".*

3. L-Avukat Ġenerali ppreżenta tweġiba u kkontesta li fil-proċeduri kriminali kien hemm ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq. Kompla li:-

3.1 Ir-rikorrent iltaqa' mal-avukat ta' fiduċja tiegħu qabel ta l-istqarrija;

3.2 Ir-rikorrent seta' talab l-isfilz tal-istqarrija waqt il-proċeduri kriminali;

3.3 Fir-rikors promotur saru diversi premessi li m'humiex minnhom:

3.4 Ir-rikorrent kien infurmat bid-drittijiet tiegħu u ingħata spjegazzjoni;

3.5 Kien ir-rikorrent li waqt il-ġuri għażel li ma jkunx assistit minn avukat, li jitkellem għalkemm avżat li kellu jedd ma jitkellimx; u li jipparteċipa fil-kunsinna kontrollata;

3.6 L-entrapment ma jiffigura fl-ebda parti ta' dan il-każ;

3.7 M'huwiex minnu li r-rikorrent tħallas €700 sabiex jipparteċipa fil-konsenji kontrollati;

4. Fl-20 ta' Lulju 2020 ir-rikorrent appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti bl-aggravji jkunu dwar:

4.1 Apprezzament ħażin tal-provi rigward l-ilmenti tiegħu;

4.2 L-istqarrija li ta r-rikorrent lill-pulizija kienet inammissibbli;

4.3 In-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' avukat fil-konsenji kontrollati;

4.4 L-Artikolu 30B tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' smigħ xieraq skont il-Kostituzzjoni u Konvenzjoni;

4.5 Il-konsenji kontrollati servew sabiex ir-rikorrent ikun *entrapped*;

4.6 Il-konsenji kontrollati kienu illegali;

4.7 Ir-rikorrent għandu jingħata rimedju.

5. L-appellat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**Fatti.**

6. Il-fatti prinċipali huma:-

6.1 Fit-2 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrent kien arrestat. Kif osservat l-ewwel Qorti jirriżulta li:-

*"Fit-2 t'Ottubru 2012 għal ħabta tal-12:15, il-Pulizija marru fil-lukanda Tropicana Hotel ġewwa Paceville fejn għamlu tfittxija fil-kamra li kien qiegħed fiha ċertu Jose Manuel Domingo Benito u hemm sabu bagalja li kien fiha żewġ pakketti imdaqqsin bil-kokaina. Huwa qal lill-pulizija li kellu struzzjonijiet sabiex il-bagalja jgħaddiha lill-persuna ta' karnaġjon sewda u b'beritta sewda li kien qiegħed jistennih isfel "fuq ix-xellug" . Għal din l-informazzjoni l-Pulizija marru jfittxu huma din il-persuna u hemm sabu lir- rikorrent Kingsley Wilcox, persuna ta' karnaġjon skura, bil-beritta sewda. Fuq il-persuna tiegħu sabu total ta' elfejn u sebgħa mitt euro (€2,700) fi flus kontanti".*

6.2 Ir-rikorrent għen lill-pulizija sabiex inqabdu tnejn min-nies oħra involuti, u dan permezz ta' konsenji kontrollati. L-ewwel lil ċertu Charles Majimor u mbagħad lil Angelo Bilocca u s-sieħba tiegħu Priscilla Cassar.

6.3 Fit-3 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrent ta stqarrija mal-pulizija li ma ffirmax. Qabel għamel l-istqarrija kien tkellem ma' avukat magħżul minnu.

6.4 Fl-4 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrent għamel stqarrija ġuramentata quddiem Maġistrat. Ma jirriżultax li kien ingħata d-dritt li jitkellem ma' avukat qabel għamel dik l-istqarrija ġuramentata.

6.5 Fiż-żewġ okkazzjonijiet ma kienx assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu waqt l-istqarrija.

6.6 F'Marzu 2015 l-Avukat Ġenerali ippreżenta l-att ta' akkuża kontra r-rikorrent u li bih akkużah bi traffikar ta' droga kokajina u assoċjazzjoni għat-traffikar ta' droga f'Malta.

6.7 B'nota preżentata fit-23 ta' Marzu 2015 ir-rikorrent ta eċċezzjoni preliminari li l-valur li ngħata mill-espert dwar il-kokajina li nstabet fil-pussess ta' ħaddieħor, hu ferm ikbar mill-istima li ta l-espert tal-Qorti. Fatt li ser iwassal għal konsegwenzi negattivi fuq il-proċeduri kontra r-rikorrent.

6.8 B'deċiżjoni tas-6 ta' April 2016 il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjoni.

6.9 Fis-seduta li saret fit-23 ta' Frar 2017 quddiem il-Qorti Kriminali, ir-rikorrent iddikjara li ma jridx ikun assistit minn avukat u ser jiddefendi lili nnifsu.

6.10 B'digriet moghti fis-16 ta' Frar 2017 il-Qorti Kriminali ordnat li r-rikorrent ikun assistit minn avukat tal-għajnuna legali peress li kien fl-interess tiegħu li jkollu l-assistenza ta' avukat.

6.11 Il-ġuri beda fit-3 ta' April 2017. Dakinhar ir-rikorrent kien assistit mill-avukat Dr Simon Micallef Stafrace.

6.12 Waqt is-seduta l-Prosekuzzjoni talbet li kopja tal-istqarrijiet li għamel ir-rikorrent jingħataw lill-ġurati. Fil-verbal hemm stampat *"The defence does not object"*.

6.13 Matul il-ġuri r-rikorrent iddefenda lilu innifsu.

6.14 Fit-8 ta' April 2017 il-Qorti Kriminali sabet lir-rikorrent ħati tal-akkużi u kkundannatu għall-perjodu ta' ħmistax-il sena priġunerija u multa ta' €30,000.

6.15 Fl-4 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrent ippreżenta l-kawża kostituzzjonali meritu ta' dan l-appell.

6.16 Ir-rikorrent appella u b'sentenza tat-22 ta' Jannar 2020 il-Qorti tal-Appell Kriminal ċaħdet l-appell. L-aggravji kienu:-

- Irregolaritajiet waqt il-proċeduri, li jikkonsistu fi provi li ma jissemmewx fl-att ta' akkuża; nuqqas ta' applikazzjoni tar-regola li għandha titressaq l-aħjar prova fir-rigward tal-informazzjoni li ttieħdet minn mobiles; u espert li kien xehed ma kienx idoneju sabiex ikun espert maħtur mill-Qorti;
- Ma kellux jinstab ħati tal-akkużi peress li l-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni kienu insuffiċjenti; u ma kien hemm l-ebda prova dwar it-tieni akkuża;
- Dwar il-piena u l-ordni sabiex iħallas l-ispejjeż tal-esperti;

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

**<u>L-ewwel aggravju</u>**.

7. Illum hu stabbilit mill-ġurisprudenza li l-fatt waħdu li persuna ma kellhiex avukat preżenti meta tat stqarrija, m'huwiex biżżejjed sabiex il-Qorti tikkonkludi li l-akkużat ma kellux smigħ xieraq. Fis-sentenza **Stephen Pirotta v. L-Avukat Ġenerali et** tas-27 ta' Settembru 2019 intqal:-

> *"14..... il-fatt waħdu li ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, u dik l-istqarrija ntużat fil-proċess, ma huwiex*

*biżżejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq: trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole").*

*"15. Il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta meta ġiet biex tinterpreta s-sentenza ta' Salduz kienet sa ċertu punt antiċipat din il-preċiżazzjoni f'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 in re Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali , meta osservat illi:*

> *»14. ... ... ... Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. ... ... ...*
>
> *»15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il- perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.«*

*"16. Fi kliem ieħor, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu ("having regard to the development of the proceedings as a whole") u mhux biss il-fatt waħdu illi l-persuna interrogata ma tħallietx tkellem avukat".*

8. Fil-każ riċenti **Stephens v Malta** (35989/14) tal-14 ta' Jannar 2020, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem osservat:

*"65. **In determining whether the proceedings as a whole were fair**, regard must nevertheless be had to whether the rights of the defence were respected. It must be examined in particular **whether the applicant was given the opportunity of challenging the authenticity of the evidence and of opposing its use**. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, **including whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy**. While no problem of fairness necessarily arises where the evidence obtained was unsupported by other material, it may be noted that **where the evidence is very strong and there is no risk of its being unreliable, the need for supporting evidence is correspondingly weaker** (see, among other authorities, Bykov, cited above, § 90; Khan, cited above, §§ 35 and 37; and more recently, Perliński v. Poland (dec.) no. 59131/11, 26 February 2019).*
*.......*

*"70. However, the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 OTHERS, 13 September 2016 and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances.* ***However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case****.* ***The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings*** *(see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein).*

......

*"75. As to whether the rights of defence were respected, the Court notes that* ***the applicant had all the opportunity to challenge G.R.E.'s statements in adversarial proceedings*** *(see, mutatis mutandis, Khan, cited above, § 35), and* ***he did cross-examine the witness in front of the jurors. Further, he did not object to the distribution to the jurors of the statements by G.R.E****".*

9. Fiż-żmien rilevanti il-liġi ma kinitx tagħti l-jedd lill-persuna suspettata li wettqet reat sabiex tkun assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni.

10. F'dan il-każ hu evidenti li:-

i. Ir-rikorrent m'huwiex persuna vulnerabbli, per eżempju minħabba eta` jew xi kundizzjoni li tiddisturba l-kapaċita` mentali tiegħu;

ii. M'hemm l-ebda prova li ntużat xi vjolenza jew theddid kontra r-rikorrent sabiex ta l-istqarrija lill-pulizija;

iii. Il-pulizija saret taf bir-rikorrent meta investigat lil Benito, il-persuna li waslet Malta fit-2 ta' Ottubru 2012, u qal lill-pulizija li kellu jgħaddi l-pakketti li ġab miegħu Malta lill-persuna ta' karnaġġjon iswed u li tkun liebsa berritta ta' lewn iswed. Kien f'dak il-mument li marru pulizija fil-lukanda Tropicana u sabu lir-rikorrent, raġel ta' karnaġġjon iswed u liebes beritta sewda, li kien qiegħed barra l-lukanda.

iv. Meta xehed fil-ġuri r-rikorrent qal li kien iddeċieda li jimplika lil Angelo Bilocca, li ddeskrivieh bħala ħabib u raġel twajjeb mis-Siggiewi, u wara jara kif jiġi liberat. M'hemm l-ebda prova li tikkorrabora din il-verżjoni u anzi l-provi juru mod ieħor. Saħansitra in kontro-eżami qal:-

> *"Pros: So when Angelo asked you to collect a package for him, against one thousand five hundred euros, you did not suspect anything ?*
> *Witness: No.*
> *Pros. Even though you said thay you had seen previously your good friend John passing packages containing cocaine and you said that you recognised the white substance as cocaine, it's in your statement, to Angelo, same package. What was special about your package Mr Wilcox for you to think that this package was diffrent ?*
> *Witness: I said it's ... in my statement that I thought it was pills.*
> *Pros. And do you go and collect pills from a hotel ?*

*Witness: No.*
*Pros. Where do you buy pills from ?*
*Witness: Pills can be bought from the pharmacy”*.

F’din il-parti r-rikorrent ikkontradiċa dak li qal qabel, fis-sens li kien intortament implika lil Angelo Bilocca fil-każ.

v. Kien wara li r-rikorrent ikkonsulta ma’ avukat magħżul minnu li saru l-konsenji kontrollati bil-kollaborazzjoni sħiħa tar-rikorrent. Evidenti li r-rikorrent ħa l-parir tal-avukat. Meta xehed fil-ġuri ikkonferma li l-avukat li għażel hu stess kien tah dak il-parir. F’din il-kawża wkoll ir-rikorrent reġa’ xehed li kien ħa parir mingħand l-avukat li ried hu (fol. 33). Għalkemm fil-ġuri r-rikorrent xehed li l-avukat qabad u qallu li għandu jikkopera mal-pulizija mingħajr ma staqsieh x’ġara, dan mhux kredibbli. Il-Qorti ma tistax tara avukat jagħti parir bħal dak mingħajr ma jkun talab jew ingħata dettalji dwar il-każ mingħand il-klijent tiegħu. Hu evidenti li r-rikorrent ried jikkolabora mal-pulizija, u fil-fatt hekk għamel mingħajr kundizzjoni. Dan jirriżulta minn xhieda li xehdu waqt il-ġuri u li evidentement il-ġurati qisu bħala l-verita`, fosthom Trevor Cassar Mallia li kien wieħed mill-pulizija li arrestaw lir-rikorrent

u li spjega kif kien ir-rikorrent li minn jeddu beda jagħtihom dettalji. Dettalji li wasslu biex il-pulizija arrestaw lil Marjimor. Snin wara, ċioe` meta xehed fil-ġuri ta verżjoni għal kollox differenti li meta tikkunsidra l-provi l-oħra l-ġurati kellhom kull raġun u dritt li ma jemmnux.

vi. Waqt il-proċeduri kriminali r-rikorrent kellu kull opportunita` li jikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrijiet bħala prova. Madankollu, ma tax eċċezzjoni preliminari f'dak ir-rigward. Anzi meta fil-bidu tal-ġuri l-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex jitqassmu lill-ġurati (seduta tat-3 ta' April 2017), iddikjara li ma kellux oġġezzjoni. Il-Qorti ma tifhimx kif issa r-rikorrent jista' jippretendi li jibdel fehmtu u jsostni li l-użu tal-istqarrijiet wassal għal ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq. Bid-dikjarazzjoni li għamlet id-difiża hu evidenti li fil-ġuri r-rikorrenti ta l-kunsens tiegħu sabiex jintużaw bħala prova;

vii. Hu fatt li meta xehed fil-ġuri allega li l-istqarrija ingħatat *under duress*. Pero` il-ġurati kellhom l-opportunita` li jisimgħu l-provi kollha u evidentement

m'emmnuhx. Ir-rikorrent kellu l-opportunita` li jressaq il-provi kollha li ried u jagħmel kontro-eżamijiet tax-xhieda kollha li ressqet il-prosekuzzjoni. L-għada deher quddiem Maġistrat u xehed bil-ġurament. F'dik l-istqarrija reġa' ikkonferma dak kollu li kien qal lill-pulizija fl-ewwel stqarrija;

viii. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti r-rikorrent qal li waqt l-interrogazzjoni tal-pulizija, *"I refused to continue with (the) statement but they were just writing whatever they wanted"*. Pero` ma qalx li l-għada reġa' rrepeta bil-ġurament quddiem Maġistrat, dak kollu li kien qal lill-pulizija. Fatt li jdgħajjef il-verżjoni li ta quddiem l-ewwel Qorti. Dan apparti li mhu xejn kredibbli li l-verżjoni bid-dettalji li rrakkonta fl-istqarrija li ta lill-pulizija, kienet biss storja ivvintata mill-pulizija. Verżjoni li tant kienet vera li bil-kollaborazzjoni tar-rikorrent ġew identifikati tlieta min-nies oħra;

ix. Fir-rikors tal-appell li ppreżenta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ma ressaq l-ebda ilment dwar iż-żewġ stqarrijiet li kien għamel, l-ewwel mal-pulizija u

mbagħad quddiem Maġistrat fis-sens li m'hijiex ammissibbli bħala prova;

x. Ir-risposti li ta għad-domandi li għamlitlu l-Maġistrat meta ta l-istqarrija ġuramentata, ma jagħtu l-ebda indikazzjoni li r-rikorrent kien sfurzat jixhed b'dak il-mod kif allega snin wara meta xehed fil-ġuri. Saħansitra lill-Maġistrat qalilha li kien dispost li jagħti lill-pulizija l-koperazzjoni kollha li kien hemm bżonn. Jekk wieħed jeżamina d-dettall li ta fl-istqarrija ġuramentata fejn spjega kif saret il-konsenja kontrollata lil Angelo Bilocca, wieħed jinduna mill-ewwel li ma jistax ikun li r-rikorrent kien qiegħed jirrepeti dak li l-pulizija qalulu biex jgħid;

xi. Irriżulta wkoll mid-deposizzjoni li ta PS1174 Adrian Sciberras waqt il-ġuri, u li kien wieħed mill-uffiċjali tal-pulizija li arresta lir-rikorrent, li meta ra l-mobile ta' Paul Offor u wieħed mill-mobiles tar-rikorrent, irriżultalu li t-tnejn li huma irċevew telefonata mingħand l-istess numru tat-telefon. Offor kien arrestat dakinhar stess iktar qabel hekk kif wasal f'Malta, u kien qiegħed

jivvjaġġa fuq l-istess ajruplan li fuqu vvjaġġa Benito fit-2 ta' Ottubru 2012.

xii. Prova oħra rilevanti saret permezz tal-espert tekniku li tirreferi għat-telefonati li saru minn fuq żewġ mobiles li l-pulizija ġabret mill-pussess tar-rikorrent. Telefonati li saru u ġew riċevuti minn fuq numri tat-telefon Spanjoli. Numri tat-telefon li jgħajtu lil ċertu Oga. Fil-*phone book* ta' wieħed mill-*mobiles* tar-rikorrent kien hemm in-numru tat-telefon ta' dik il-persuna bl-isem Oga. Dakinhar tal-arrest tar-rikorrent (2.10.2012) jirriżulta li minn telefon tar-rikorrent saru diversi telefonati lil dik il-persuna u minn dik il-persuna lir-rikorrent. In-numru tat-telefon ta' dik il-persuna kien *stored* ukoll f'*mobile* li l-pulizija ġabru mill-pussess ta' Paul Oguchukwu Offor, l-ewwel persuna li l-pulizija arrestat fit-2 ta' Ottubru 2012. Meta xehed fil-ġuri r-rikorrent qatt ma ta spjegazzjoni sodisfaċenti biex iġib fix-xejn dak li qal fl-istqarrijiet, ċioe` li Oga kien il-*contact person* dwar in-negozju ta' droga f'Malta. Persuna li fl-istadju li r-rikorrent kien qiegħed jikkopera mal-pulizija qal li kien jisimha Innocent.

11. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll kif il-Qorti tal-Appell Kriminali reġgħet ikkunsidrat il-provi kollha, u fis-sentenza qalet:-

> *"48. The court examined the records of the case, including the testimony of Jose' Benito, all the police officers and the expert reports, including those of the court expert nominated to extract all information from the mobile phones of all the persons mentioned in the facts above, and sequenced all the cross matching of phone numbers and phone calls made and received, including messages, on all phones seized by the Police, together with all the documents. Having gone through this process, this Court is of the opinion that there is no legally valid reason within the parameters expressed supra as to merit a variation of the verdict reached by the jury.* ***The evidence presented by the prosecution, if believed by the jury, was sufficient to warrant the decision arrived by the jury through its verdict which was convinced beyond reasonable doubt that there was a sufficient link between the accused, Innocent, Offor, Majimor and Angelo Bilocca to lead them to be convinced of the conspiracy to deal in drugs, which fact forms the first count****"*.

12. Il-mod kif irraġuna r-rikorrent hu daqslikieku l-istqarrija li ta lill-pulizija kienet l-uniku prova li wasslet għall-kundanna tar-rikorrent. Mill-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq hu evidenti li kien hemm ferm iktar provi. Dan apparti li kif diġa` intqal m'hemmx l-iċken prova li saret xi pressjoni fuq ir-rikorrent sabiex jagħti stqarrija lill-pulizija. Stqarrija li ngħatat wara li r-rikorrent ħa parir mingħand avukat ta' fiduċja tiegħu, u sussegwentment reġa' ikkonferma l-istess bil-ġurament quddiem Maġistrat.

13. Għalkemm meta xehed fil-ġuri r-rikorrent ta verżjoni għal kollox differenti, il-konsiderazzjonijiet li diġa` saru qabel ma jħallu l-ebda dubju fil-Qorti li t-tagħrif li kien ta fil-*pre-trial stage* kien il-verita` tant li l-pulizija

qabdu tlieta min-nies oħra f'dan ir-*racket* ta' importazzjoni ta' droga f'Malta.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

14. Ir-rikorrent ilmenta wkoll li ħa sehem f'*controlled deliveries* mingħajr ma kellu l-opportunita` li jikkonsulta ma' avukat, u saħansitra jsemmi kif il-pulizija ħallsuh €700 tali kkopera u ħa sehem fihom.

15. Mill-provi irriżulta li qabel tressaq il-Qorti r-rikorrent tkellem f'okkazjoni waħda ma' avukat.

16. Konsenji saru wara li r-rikorrent aċċetta li jippartecipa fihom. Meta xehed quddiem Maġistrat (4 ta' Ottubru 2012) ikkonferma li kien involut f'dak il-proċess u spjega x'ġara. Fl-ebda mument m'allega li saret xi pressjoni fuqu mill-pulizija, ċioe` dak li fir-rikors promotur tal-kawża kostituzzjonali rrefera għalih bħala *coercive persuasion*. Lanqas ma allega li l-pulizija tawh €700 bħala kumpens tas-servizz li ta, kuntrarjament għal dak li ppremetta fir-rikors promotur ta' din il-kawża (ara paragrafu 24). Verżjoni li evidentement il-ġurati ma emmnux.

17. Waqt il-proċeduri kriminali ma tax eċċezzjoni preliminari li l-provi dwar il-*controlled deliveries* ma kinux ammissibbli bħala prova għaliex ġie mġiegħel jipparteċipa fihom mingħajr ma kellu l-assistenza ta' avukat.

18. Il-fatt li r-rikorrent ma ngħatax raġun dwar l-ilment relatat mal-istqarrijiet u nstab ħati tal-akkużi mhux biss fuq dawk il-provi, iġib fix-xejn l-ilment tiegħu relatat mal-konsenji kkontrollati li pparteċipa fihom.

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

19. Ilment ieħor tar-rikorrent hu dwar l-artikolu 30B li jagħti l-awtorita` lill-Pulizija li jħallu li ssir konsenja kontrollata mingħajr ma jipprovdi mekkaniżmu sabiex jiżgura li ma jippreġudikax id-drittijiet fundamentali tal-persuna arrestata. F'dan ir-rigward għamel referenza għal fatt li:

19.1 Is-suspettat ma jitħallix jikkonsulta ma' avukat ta' fiduċja tiegħu;

19.2 Il-pulizija ma tispjegax lill-persuni suspettati l-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet tal-parteċipazzjoni f'konsenja kontrollata;

19.3 Il-pulizija ma tispjegax li eventwalment l-akkużat ser ikun akkużat bi traffikar ta' droga;

19.4 Il-pulizija ma jinfurmawx lill-avukat tal-persuna suspettata dwar id-dettalji speċifiċi tal-konsenja kontrollata;

19.5 Ma jinżammx record tal-konsenja kontrollata. Xejn ma jsir bil-miktub;

19.6 Il-pulizija ma tirreġistrax it-telefonati li jsiru bejn is-suspettat u li jkun qiegħed jaħdem għall-pulizija u t-terzi persuni li l-pulizija tkun biħsiebha tarresta.

20. L-ewwel Qorti qalet:-

> *"Għalkemm huwa minnu li l-liġi tonqos milli telenka l-proċedura amministrattiva li għandha issegwi l-Pulizija, din il-Qorti ma tarax kif qiegħed jiġi leż l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li għalkemm fi żmien l-arrest tar- rikorrent il-Pulizija ma kienux iżommu recording per se tat-telefonati (il-Qorti ma ngħatatx tagħrif dwar jekk illum il-ġurnata t-telefonati humiex rekordjati) kienu jżommu rikordju tat-telefonati kollha li jsiru waqt il-preparamenti sabiex issir il-kunsinna kontrollata u ċioe il-ħin tal-kuntatt telefoniku u bejn min sar dak il-kuntatt. Din il-Qorti tifhem li l-Pulizija jridu jaġixxu b'kawtela sabiex l- azzjoni tagħhom ma tagħtix lok għal entrapment.*
>
> "*Finalment il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll li l-kunsinna kontrollata ssir bil-kunsens tal-Maġistrat. B'dan għalhekk il-Maġistrat, li għandu għarfien għoli tal-proċeduri legali u l-liġi Maltija, qabel jagħti l-kunsens tiegħu jiżgura li dik il-kunsinna mhux ħa ssir bi ksur tal-liġi".*

21. Dak li jinteressa lil din il-Qorti huma ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ:-

22. Kien ir-rikorrent li aċċetta li jipparteċipa fiż-żewġ konsenji kontrollati wara li kien tkellem ma' avukat magħżul minnu. Il-konsenja kkontrollata

ssir mhux sabiex il-prosekuzzjoni tagħti prova li l-persuna li tagħżel li tipparteċipa fiha tkun ikkommettiet reat, iżda:-

> *"(2) ....... bil-għan li jiġu* ***identifikati l-persuni involuti fl-egħmil tar-reati*** *taħt din l-Ordinanza jew taħt il-liġi korrispondenti li tkun isseħħ fit-territorju ta' dak il-pajjiż ieħor"*.[1]

23. F'dan l-aggravju r-rikorrent jirraġuna daqslikieku l-konsenji ikkontrollati li saru kienu l-prova reġina kontrih. Ir-rikorrent konvenjentement ma jsemmix per eżempju li:-

23.1 Il-provi juru li r-rikorrent kien arrestat faċċata il-lukanda Tropicana. F'dik il-lukanda kien qiegħed joqgħod Benito, il-persuna li daħlet id-droga f'Malta. Waqt l-investigazzjoni ta' Benito irriżulta lill-pulizija li kellu jiltaqa' ma' persuna ta' karnaġġjon iswed liebes beritta sewda fil-lukanda. L-uffiċjali tal-pulizija li arrestaw lir-rikorrent xehdu li fil-ħin tal-arrest ir-rikorrent kien faċċata l-lukanda u liebes beritta sewda. Ix-xhud Trevor Cassar Mallia, li kien uffiċjal tal-pulizija fiż-żmien tal-każ, xehed b'mod ċar li fil-ħin tal-arrest ir-rikorrent kien l-uniku persuna ta' karnaġġjon iswed u liebes beritta sewda. PS1174 Adrian Sciberras ukoll ikkonferma li r-rikorrent kien faċċata l-lukanda. Ix-xhud Cassar Mallia xehed ukoll li wara l-arrest kien ir-rikorrent li minn jeddu, waqt li kienu fil-karozza, kien qalilhom

[1] Kap. 101.

li kellu jiġbor id-droga mit-Tropicana Hotel u jgħaddiha lil ħaddieħor.

23.2 Fil-pussess tar-rikorrent instabu tliet *mobile phones* u s-somma ta' €2,700. Għalkemm xehed li kien rebaħ il-flus dakinhar stess minn logħob ta' l-azzard billi uża €2 biss, ma ressaqx prova li tikkorrabora dik il-verżjoni. Ir-rikorrent lanqas ma ta spjegazzjoni sufficjenti kif persuna li ma taħdimx iġġorr fuqha tlitt *mobiles*.

23.3 Imbagħad l-ispjegazzjoni li ta meta xehed li fil-ħin tal-arrest kien sejjer jixtri ħwejjeġ għal martu u t-tarbija li kien għad kif kellhom, m'hijiex kredibbli. Lanqas semma l-ħanut tal-ħwejjeġ fejn suppost kien sejjer jixtri. Dan apparti li mill-provi li tressqu fil-ġuri, irriżulta li r-rikorrent kien arrestat faċċata l-lukanda Tropicana, ċioe` il-lukanda fejn kien qiegħed joqgħod Benito, il-persuna li daħħlet id-droga f'Malta u li kellha tikkonsenjalu d-droga.

23.4 Kien bit-tagħrif li r-rikorrent ta lill-pulizija li waslu sabiex jidentifikaw tliet persuni oħra li kienu involuti. F'dan ir-rigward hi ferm rilevanti d-deposizzjoni ta' Pierre Grech (li dak iż-żmien kien Spettur u involut fl-investigazzjoni) u ta' Herman Mula (li

wkoll kien Spettur fiż-żmien in kwistjoni u kien qiegħed imexxi l-investigazzjoni). Ix-xhud Grech spjega kif ir-rikorrent kien minn jeddu beda jikkollabora mal-pulizija, tant li saħansitra beda jirrakkonta x'ġara qabel wasal l-avukat ta' fiduċja tiegħu.

23.5 M'hemm assolutament l-ebda prova li r-rikorrent ikkollabora kontra r-rieda tiegħu. Kollaborazzjoni li wasslet għall-arrest ta' tlieta min-nies oħra, u saħanistra kien hu li kkonvinċa lil Marjimor biex jikkollabora.

23.6 F'wieħed mill-*mobile phones* tar-rikorrent kien hemm in-numru ta' Angelo Bilocca, wieħed mill-persuni arrestati u li skont ir-rikorrent bil-kemm kien jaf (ara deposizzjoni ta' Alan Calleja PS635 fil-ġuri). Tagħrif li wkoll kien fuq wieħed mill-mobiles ukoll li kellu Charles Marjimor, il-persuna li r-rikorrent kien ikkonvinċa sabiex jipparteċipa miegħu fil-konsenja kontrollata li saret lil Angelo Bilocca. Tagħrif li jirriżulta minn rapporti li saru mill-espert Dr Martin Bajada b'referenza għal wieħed mill-mobiles tar-rikorrent. Saħansitra rriżulta li fuq tnejn mill-mobiles kellu n-numru tat-telefon tal-persuna li kienet barra minn Malta (fid-direttorju bl-isem ta' Oga u f'ieħor bl-isem ta' Oga In) li kienet qegħda tgħidlu x'għandu jagħmel. Dettalji li

ngħataw lill-pulizija mingħand ir-rikorrent, li ovvjament ma kellha l-ebda ħjiel ta' min hi dik il-persuna.

23.7 Ir-rikorrent ikkopera mal-pulizija sabiex il-pulizija waslet għal Angelo Bilocca u l-partner tiegħu. Persuna li r-rikorrent stess xehed fil-ġuri li kien qallu jmur jiġborlu pakkett.

23.8 Il-verżjoni li ta meta xehed fil-ġuri m'hijiex kredibbli. Xehed kif fl-istqarrija l-pulizija kitbu li riedu u mhux x'qalilhom hu. Qal li meta filgħodu fit-3 ta' Ottubru 2012 ħaduh sabiex ikompli l-istqarrija u qara dak li kien inkiteb, *"I said this, how can you put this ? You are making me look guilty like hell. He said but Mr Wilcox making a controlled delivery .... had declared you guilty. Oh this is your plans ? this is your plans ? Ok"*. Pero` dakinhar stess deher quddiem Maġistrat u kkonferma dak kollu li kien qal lill-pulizija u żied ma' dak li kien qal lill-pulizija, u fl-ebda ħin ma allega li kien każ ta' *frame up*. Lanqas ma jirriżulta li waqt dik l-istqarrija kien talab lill-Maġistrat sabiex jitkellem magħha mhux fil-preżenza tal-pulizija li kienu qegħdin jinvestigaw il-każ.

23.9 Meta xehed fil-ġuri sa wasal biex jgħid li kien ivvinta l-verżjoni li ta lill-pulizija, sabiex jikkonvinċihom li qiegħed jgħid il-verita`.

It-tajba hi li b'din 'l hekk imsejħa storja ivvintata, il-pulizija qabdu tlieta min-nies oħra involuti fit-traffikar tad-drogi.

23.10 Saħansitra irriżulta li meta ittieħed il-kwartieri ġenerali tal-pulizija għall-investigazzjoni kien ir-rikorrent li qabad jitkellem sa minn qabel saritlu l-interrogazzjoni u qal li jrid jgħin lill-pulizija.

24. Meta tqis dawn iċ-ċirkostanzi kollha, l-argumenti u l-kritika kollha li għamel ir-rikorrent għall-proċedura ta' konsenji kontrollati, jaqgħu fix-xejn. Dan kien każ ċar fejn ir-rikorrent sa mill-bidunett għażel li jikkopera minn jeddu mal-pulizija. Dan apparti li kieku ma riedx jikkopera r-rikorrent ma kienx ser jagħti dak it-tagħrif kollu li ta u jipparteċipa fiżikament f'żewġ konsenji kontrollati. M'hemmx l-iċken prova li sar xi theddid jew pressjoni mill-pulizija fuq ir-rikorrent, jew li ġie mġiegħel jagħmel xi ħaġa li ma riedx.

25. Fiċ-ċirkostanzi dan l-aggravju ma jistax jirnexxi.

**<u>Ir-raba' aggravju.</u>**

26. Ilment ieħor tar-rikorrent jikkonsisti f'suġġeriment li l-konsenja kkontrollata kienet tinvolvi element ta' *entrapment*.

27. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li dan l-aggravju mhu xejn għajr materja li kellha titqajjem, provata u deċiża fil-proċeduri kriminali u mhux f'kawża ta' din ix-xorta. Il-prova ta' *entrapment* kellha ssir mir-rikorrent. Fil-kors tal-proċess kriminali r-rikorrent kellu kull opportunita` li jressaq l-argument ta' *entrapment* quddiem il-ġurija u eventwalment quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

28. Fil-proċeduri kriminali r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu l-provi kollha li ġabret il-prosekuzzjoni u ngħata kull opportunita` li jagħmel kontro-eżamijiet u jressaq il-provi li ried. Dan ma kienx każ fejn per eżempju l-prosekuzzjoni ħbiet xi provi mir-rikorrent. Lanqas mhu każ fejn ir-rikorrent ġie inċitat sabiex iwettaq reat. Ir-rikorrent kien diġa` arrestat u investigat dwar ir-reati ta' assocjazzjoni fit-traffikar tad-droga kokajina f'Malta u wkoll traffikar, u fil-pre-trial stage wara li kien tkellem ma' avukat għażel li jikkopera mal-pulizija. Fil-fatt l-Ispettur Herman Mula xehed:[2]

> *"Biss pero' r-rikorrent minn mijiet ta' nies illi nvestigajt qiegħed on the top of the list tal-aktar nies li kkolabora miegħi u mhux talli ma kienx imbezza' minnha, talli hu litteralment waqt l-investigazzjoni hu stess qalili din. Kien qed iħossu qisu wieħed minnha għaliex jiena ovvjament I kept him at arms length*
>
> *......*
>
> *"f'ħin minnhom per eżempju, kien hemm persuna illi għamilna l-ewwel control delivery fuqha bis-saħħa tal-informazzjoni li tani hu, illi ma riedx jikkolabora. Charles Marjimor jismu u kien propju hu li daħal fl-uffiċċju u għidtlu 'ara tikkonvinċihx inti għax dan għidlu li għandu problema hawnhekk ħalli hu jgħin lilu nnifsu' u kien propju hu stess li daħal fl-uffiċċju u bil-kelma tar-rikorrent ikkonvinċih biex jikkolabora magħna*

[2] Fol. 82.

> *wkoll. Jiġifieri ma nistax nifhem kif beyond any imagination seta' kien hemm li beżżajtu b'xi mod jew heddidtu jew xi ħaġa għax kien on board iktar min-normal"*.

29. Inoltre, il-fatt li kienu l-pulizija li staqsew lir-rikorrent kienx dispost li jgħinhom li ssir il-konsenja ikkontrollata ma jfissirx li b'daqshekk seħħ *entrapment*. Il-mod li bih argumenta r-rikorrent qisu li l-*controlled deliveries* kienu l-uniku prova li kien hemm kontra r-rikorrent, meta dan m'huwiex minnu.

30. Ir-rikorrent argumenta:-

> *"Illi dan kollu jfisser li l-esponenti qatt ma fehem x'kien qiegħed verament qed jagħmel u ħaseb li kien sempliċement qed jagħmel biċċa xogħol għal pulizija sabiex wara li jlesti huwa jista' jiġi rilaxxat"*.

31. F'dan ir-rigward għamel referenza għal dak li xehed l-Assistent Kummissarju Dennis Theuma li l-investigazzjoni kienet waħda kumplessa, u eventwalment immaterjalizzat f'ħames arresti. Il-fatt li x-xhud qal hekk ma jfissirx li r-rikorrent ma fehemx dak li kien qiegħed jagħmel meta aċċetta li jipparteċipa fil-konsenji kkontrollati. Tant fehem li kien hu li ikkonvinċa lil Charles Majimor sabiex jieħu sehem fil-konsenja li saret lil Angelo Bilocca. Mill-istqarrija ġuramentata li għamel quddiem il-Maġistrat hu altru milli evidenti kemm ir-rikorrent kien jaf eżattament x'qiegħed jiġri. Wieħed irid jiftakar li r-rikorrent ma ħax sehem f'konsenja waħda iżda fi tnejn, u wara għamel stqarrija ġuramentata quddiem Maġistrat u fl-ebda stadju m'allega li ma fehemx x'kien qiegħed jagħmel.

32. Ir-raġunament tar-rikorrent jagħtu wieħed x'jifhem li qiegħed isostni li bil-konsenja ikkontrollata ġie li ttraffika d-droga. Pero` ir-rikorrent ma nstabx ħati u kkundannat piena karċerarja minħabba l-konsenji kontrollati li ipparteċipa fihom fit-3 ta' Ottubru 2012. L-akkużi li tagħhom instab ħati kienu relatati ma' dak li ġara fit-2 ta' Ottubru 2012, il-ġurnata tal-arrest, u x-xhur ta' qabel.

**<u>Il-ħames aggravju.</u>**

33. Il-ħames aggravju hu li l-konsenji kontrollati kienu illegali. Ir-rikorrent spjega:

> *"Illi fil-każ odjern il-Pulizija Eżekuttiv għażlet li titlob awtorizazzjoni biex twettaq kunsinna kkontrollata minn Maġistrat skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 30(B) tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikolużi. Huwa evidenti li l-Artikolu 30(B) tal-Ordinanza dwar id-Dogi Perikolużi u l-Artikolu 435E tal-Kodiċi Kriminali għalkemm simili mhumiex identiċi u partikolarment tal-ewwel ma jawtorizzax Maġistrat biex japprova s-sostituzzjoni tas-sustanza illeċitu b'sustanza oħra għall-iskopijiet ta' konsenja kontrollata"*.

34. L-ewwel Qorti qalet:-

> *"Din il-Qorti tqis li tali ilment huwa wieħed purament proċedurali u mhux relatat ma' ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, għalhekk din il-kwistjoni kellha semmai tiġi indirizzata quddiem il-Qorti Kriminali, b'dan għalhekk id-disa' talba tiġi miċħuda"*.

35. Dan l-aggravju hu fieragħ. Semmai huma t-terzi li nqabdu bis-saħħa tal-konsenja kontrollata li jistgħu jilmentaw li l-konsenja m'hijiex konformi mal-liġi. L-eżerċizzji ta' konsenja kontrollata saru sabiex jinqabdu tlieta min-nies oħra li kienu involuti, u żgur mhux sabiex jinqabad

ir-rikorrent li kien diġa` fil-kustodja tal-pulizija. F'kull każ dik hi materja li kellha tiġi trattata u deċiża fil-proċeduri kriminali u mhux f'kawża fejn l-ilment hu li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq.

**Is-sitt aggravju.**

36. L-aħħar aggravju hu dwar ir-rimedju. Billi l-aggravji kollha preċedenti ser jiġu miċħuda, mhemmx rimedju x'jingħata lir-rikorrent.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tar-rikorrent bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr